# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)

# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI

# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 19/2021 BS**

**AA**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao**
**b'digriet tat-2 ta' Novembru 2021**
**ġie maħtur kuratur deputat sabiex**
**sabiex jirrapreżenta lil**
**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' AA illi ppremetta:**

1. Li l-partijiet iżżewġu lil xulxin fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar elfejn u tlieta (28.2.2003), hekk kif jirriżulta mill-kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ immarkat bħala Dok A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twildux tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom de facto separati għal aktar minn erba' (4) snin u fil-fatt l-esponenti ilu ma jkollu kuntatt ma' BB għal aktar minn għaxar (10) snin. Huma fil-fatt għexu ma' xulxin biss għal ftit ġimgħat u qatgħu l-kuntatt;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli, jew remot, għal rikonċiljazzjoni bejniethom peress li minbarra li ilhom snin twal mifruda, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi l-esponenti u l-intimata qatt ma talbu li jirċievu manteniment minn xulxin u l-ebda manteniment ma huwa dovut;

6. Illi l-esponenti jixtieq li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

7. Għaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:
   a. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

   b. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mogħti lilu għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao li b'digriet tat-2 ta' Novembru 2021 ġie maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill BB illi eċċepixxa:**

1. Illi jekk il-koppja huma biss separati de facto u mhux de iure qabel jigi pronunzjat id-divorzju kif mitlub ghandhom jizdiedu talbiet rikwardanti it-terminazzjoni u xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti. Altrimenti t-talba kif impostata hija difettuza;

2. Illi per konsegwenza trid tingieb prova dwar il-konsistenza tal kommunjoni ta' l-akwisti;

3. Illi mil-bqija u salv il-premess l-ecceppjenti jiddikjara illi ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk salv li jirrispondi ultirjorment fl-eventwalita illi jirnexxilu jistabilixxi

kuntatt ma l-assenti qed jirrimetti ruhhu ghal-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-kuratur deputat li jiddikjara illi ghandu konoxxenza ta' dak suespost.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat illi b'digriet tat-22 ta' Lulju 2021 il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur kif tirriżulta mir-rikors tiegħu tad-19 ta' Lulju 2021 u awtorizzat il-ħruġ tal-bandu għall-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil assenti BB ċittadina mill-Mongolia.

Rat illi b'digriet tat-2 ta' Novembru 2021 il-Qorti wara li rat li ma deher ħadd sabiex jaċċetta l-bandu, innominat lill-Avukat Dottor Kevin Mompalao sabiex jirrappreżenti lill-assenti BB.

Rat ir-rikors tal-attur datat 3 ta' Mejju 2022 fejn ai termini tal-Artikolu 175(1) tal-Kap 12 talab l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex issir korrezzjoni fit-talbiet kif ifformolati fir-rikors promotur u cioe illi t-talba fir-rikors promotur tiġi sostitwita b'dan illi jsegwi:

*a. Tiġi terminata l-komunita' ta' akkwisti li teżisti bejn il-partijiet u tassenja lil kull parti s-sehem relattiv minn tali komunita ta' akkwisti, jekk meħtieġ bl-għajnuna ta' espert/i nominati sabiex tillikwida l-imsemmija komunita' ta' akkwisti;*

*b. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;*

*c. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mogħti lilu għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi fir-risposta tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 l-Avukat Dottor Kevin Mompalao fil-kapaċita' tiegħu ta' kuratur deputat iddikjara li mhux qiegħed joġġezzjoni għall-korrezzjoni mitluba u li in vista ta' tali korrezzjoni l-ewwel eċċezzjoni ġiet dikjarat sorvolata.

Rat illi b'digriet tas-16 ta' Marzu 2022 il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba.

Semgħet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta sodisfaċentment ippruvat illi l-partijiet iżżewwġu fit-28 ta' Frar 2003. Minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.

Permezz ta' din il-proċedura l-partijiet qegħdin ukoll jitolbu x-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, liema talba ser tiġi ndirizzata minn din il-Qorti, ftit aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Mill-provi jirriżulta li l-partijiet għexu flimkien għal mhux aktar minn tlett ġimgħat wara li żżewwġu. L-attur xehed illi wara ż-żwieġ martu bdiet titolbu biex imorru ċ-Ċina iżda hu ma riedx. Jgħid illi darba fost l-oħrjn daħal lura d-dar u ma sabiex hemm. Minn dak inhar tilef kull kuntatt ma' martu. Jirriżulta għalhekk illi l-partijiet ilhom de facto separati għaż-żmien kollu illi trid il-liġi u fiċ-ċirkostanzi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li l-partijiet jirrikonċiljaw.

Jirriżulta wkoll illi m'hemmx pendenzi ta' manteniment.

Mix-xhieda tal-attur jirriżulta ppruvat illi l-partijiet la xtraw proprjeta' in komun u lanqas ma għandhom djun.

Jirriżulta għalhekk illi r-rikorrenti rnexxilu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

In kwantu d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, jirriżulta illi ma hemm ebda proprjeta' jew flus x'jiġu diviżi bejn il-partijiet. Il-Qorti qegħda għalhekk tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

**Decide.**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiddikjara sorvolota l-ewwel eċċezzjoni.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

3. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur